repubblika

A CIVIL SOCIETY MOVEMENT

**STQARRIJA TA' REPUBBLIKA [PR 66/2020]**

L-Onorevoli Robert Abela,
Prim Ministru
Berġa ta' Kastilja
Valletta

Suġġett: Azzjoni meħtieġa wara r-rivelazzjonijiet minn Reuters u T-Times of Malta
Prim Ministru,

Nappellawlek li taħtar team konġunt bejn il-Europol u l-Pulizija Maltija sabiex jinvestiga l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia u l-korruzzjoni marbuta magħha.

L-istorja mxandra llum mit-Times of Malta u Reuters dwar il-qliegħ taʹ miljuni li l-kumpanija 17 Black għamlet fi ftit jiem wara li l-Enemalta xtrat windfarm fil-Montegro hija xokkanti, partikolarment meta wieħed jikkonsidra r-relazzjoni taʹ din il-kumpanija ma' kumpaniji ta' Konrad Mizzi u Keith Schembri.

Il-ġurnalisti, bir-riżorsi limitati li għandhom, qed jiskopru skandli kbar waqt li huwa ċar li jew il-Pulizija għażlet li tħares in-naħa l-oħra jew saħansitra qed tgħatti lill-politiċi korrotti.

Huwa evidenti li numru ta' uffiċjali għolja tal-Pulizija Maltija huma kompromessi.

Prim Ministru,

Int għandek ir-responsabiltà li ma tħallix li din il-mewġa ta' ħmieġ tkompli tkaxkar isem pajjiżna.

Int għandek id-dmir li tara li f'pajjiżna jkun hawn ġustizzja li ma tħares lejn wiċċ ħadd, anke jekk kien Prim Ministru qablek.

Int għandek obbligu lejn Malta biex il-verità tkun magħrufa.

Intennu l-appell tagħna biex tħallix lil dawk li tradew lill-pajjiżna u qed jipperikolaw il-ġid tagħna lkoll jaħarbu mill-ġustizzja.

Ara li l-investigazzjoni fil-qtil ta' Daphne Caruana Galizia u l-korruzzjoni marbuta miegħu ikunu investigati bis-serjetà u sal-qiegħ minn team konġunt tal-Europol u l-Pulizija Maltija.

Dejjem tiegħek,

Vicki Ann Cremona
President

55, Triq Melita, il-Belt Valletta, VLT 1120
repubblika.mt@gmail.com

**ENGLISH TRANSLATION**

Prime Minister,

We appeal to you to appoint a joint team between Europol and the Malta Police to investigate the assassination of Daphne Caruana Galizia and the corruption that is connected to it.

The story published today by the Times of Malta and Reuters concerning 17 Black's earnings of millions of euros just a few days after Enemalta purchased a windfarm in Montenegro is shocking, especially when one takes into account the links between this company and those belonging to Konrad Mizzi and Keith Schembri.

Journalists, with their limited resources, are revealing huge scandals while it is clear that the Police chose to look the other way, and even go so far as to cover up for corrupt politicians.

It is obvious that a number of high officials are compromised in this matter.

Prime Minister,

You have the obligation to ensure that this wave of corruption and scandal does not continue to drag the name of our country in the mud.

You have the duty to ensure that justice in our country does not discern between anyone, even if the person involved was Prime Minister just before you took on the role.

You have the obligation towards Malta to ensure that the truth is known.

We renew our appeal to you not to allow those who have betrayed our country and are endangering our common wealth escape justice.

You are to make certain that the investigations of the murder of Daphne Caruana Galizia and the corruption that is linked to it are thoroughly carried out in all seriousness by a joint team made up of Europol and the Malta Police.

Yours truly,
Vicki Ann Cremona
President, Repubblika